31978R2214

27.9.1978 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 267/1

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 2214/78**

**tas-26 ta' Settembru 1978**

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea ur-Repubblika ta' Libanu**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 238 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (1),

Billi l-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea ur-Repubblika ta' Libanu ffirmat fit-3 ta' Mejju 1977 għandu jkun konkluż,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' Libanu huwa hawnhekk approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għandu jagħti n-notifika li għaliha hemm provdut fl-Artikolu 49 tal-Ftehim (2).

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol il-ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Settembru 1978.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. ERTL

(1) ĠU Nru C 266, tas-7.11.1977, p. 18.

(2) Id-data ta' dħul fis-seħħ tal-Ftehim għandha tkun ippublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill.